**NOMINA TAS-SUR JESMOND CUTAJAR GĦALL-ĦATRA**

**TA' AMBAXXATUR TA' MALTA, MHUX RESIDENTI ĠEWWA S-SLOVENJA**

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Gvern*

1. X'taħseb li huma l-isfidi li qed tara fil-pajjiż rispettiv fejn se tinħatar bħala Ambaxxatur? U kif qiegħed tara dawn l-isfidi jiġu indirizzati f'dan il-pajjiż?

   Is-Slovenja u Malta t-tnejn li huma għandhom post ġeografiku komuni fir-reġjun tal-Mediterran. Dan għaliex il-Baħar Adrijatiku huwa l-aktar fergħa tat-Tramuntana tal-Baħar Mediterran. Is-Slovenja saret indipendenti fil-25 ta' Ġunju 1991 u relazzjonijiet Diplomatiċi bejn iż-żewġ stati twaqqfu fid-29 ta' Lulju 1992.

   Id-differenza prinċipali hi li Malta hi gżira f'nofs il-Mediterran filwaqt li s-Slovenja taqsam il-fruntiera tagħha ma l-Italja, l-Awstrija, il-Kroazja kif ukoll mal-Ungerija.
   Iż-żewġ pajjiżi daħlu mal-stess tkabbir fl-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004.
   Din is-sena wkoll, is-Slovenja se jkollha għall-ewwel darba l-presidenza tal-grupp informali tal-pajjiżi Mediterranji tal-Unjoni Ewropea il-MED9.
   Is-Slovenja daħlet membru fl-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana (NATO) fl-2004. Bħal Malta hi wkoll membru taż-żona Schengen kif ukoll membru taż-żona EWRO sa mill-2007. Is-Slovenja ngħaqdet mal-OECD fl-2010, u saret it-32 pajjiż membru tal-Organizzazzjoni, u llum hija waħda minn 38 membru.

   Fl-1 ta' Jannar 2025, is-Slovenja bdiet tassumi wieħed mill-ħames siġġijiet eletti fil-kunsill tas-sigurtà' tan-Nazzjonijiet Magħquda.

   **<u>Sitwazzjoni Ekonomika</u>**

   Wara reviżjoni 'l fuq tar-rata ta' tkabbir tal-2023 għal 2.1%, it-tkabbir baqa' modest fl-ewwel nofs tal-2024. Huwa, madankollu, mistenni li jiżdied fit-tieni nofs tas-sena u li jkun robust matul l-2025-26. Is-suq tax-xogħol huwa mbassar li jibqa' strett. L-inflazzjoni hija mistennija li taċċellera fl-2025 iżda tinżel għal madwar 2% sal-2026. Id-defiċit ġenerali tal-gvern huwa mbassar li jkompli jonqos, u jilħaq 2.1% tal-PGD fl-2026. Bl-istess mod, il-proporzjon tad-dejn mal-PGD huwa mbassar li jonqos u jilħaq 63.1% fl-2026.

   Kif wieħed jista' jara, is-Slovenja bħal Malta għandha sitwazzjoni ekonomika stabbli ħafna u dan jgħin biex iż-żewġ pajjiżi jaħdmu aktar fuq problemi bħall-imigrazzjoni irregolari u kontroll aktar tal-fruntieri.
   Meta l-Ungerija kienet għalqet il-fruntiera mal-Kroazja kien hemm influss qawwi ta' immigranti li daħlu s-Slovenja. Din is-sitwazzjoni kienet ħolqot problemi kbar speċjalment fejn ser jinżammu.

F'dan il-kuntest, iż-żewġ pajjiżi jistgħu jikkoperaw flimkien biex iwasslu pożizzjoni komuni fil-fora Ewropea u f' istituzzjonijiet oħra internazzjonali fosthom fin-Nazzjonijiet Magħquda u fl-OSCE.

Malta għandha l-intenzjoni li tapplika biex tissieħeb fl-OECD. Meta Malta ssir membru ta' din l-organizzazjoni tkun tista' tikkollabora masSlovenja peress li din tal-aħħar hi ġa membru tal- OECD. Iż-żewġ pajjiżi flimkien ikunu f'pożizzjoni fejn flimkien jimbuttaw l-interessi ta' stati żgħar.

2. X'inhuma l-binarji, b'mod ġenerali, li beħsiebek taħdem fuqhom f'każ li tinħatar Ambaxxatur?

   Naħseb li huwa importanti ħafna li jekk ningħata l-ħatra li nirrappreżenta lil Malta bħala Ambaxxatur mhux Residenti għas-Slovenja, nibda' bil-kuntatti biex inqarrbu liż-żewġ pajjiżi stati aktar viċin xulxin.

**<u>Il-pjanijiet tiegħi huma:</u>**

- Kuntatt bejn il-Parlamenti taż-żewġ stati.
- Kuntatt bejn l-Universitajiet.
- Twaqqif ta' Kamra tal-Kummerċ Maltija – Slovena bejn iż-żewġ pajjiżi biex flimkien naraw id-diversi oqsma ta' xogħol, speċjalment dak maħdum hawn Malta mill-iSmall and Medium Enterprises" (SMEs).
- Kuntatt biex jibda' jkun hemm titjiriet diretti bejn iż-żewġ pajjiżi biex jitkattar iżjed it-Turiżmu.
- Preservazzjoni tal-lingwa Maltija. Iż-żewġ pajjiżi jikkolaboraw flimkien biex jaraw kif jistgħu jippreservaw il-lingwi rispettivi.
- Twaqqif ta' Konsolat Onorarju ta' Malta fl-Ljubliana li bħalissa huwa vakant.
- Nesploraw kif jaħdmu l-kunsilli lokali u dawk reġjonali biex bħala żewġ pajjiżi żgħar naraw x'wieħed ikun jista' jaddotta mill-esperjenza tal-ieħor. Nara ukoll kif Kunsilli Lokali f'Malta jkunu jistgħu jagħmlu ġemelaġġi ma' Kunsilli Lokali mis-Slovenja.
- Ftehim edukattiv u kulturali biex permezz ta' hekk inqarrbu aktar iż-żewġ popli biex japprezzaw il-kultura ta' xulxin. F'dan il-qasam nipproponi li jkun hemm skambju ta' żgħażagħ miż-żewġ pajjiżi.

- Nesplora kif nistgħu nżidu l-kooperazzjoni fl-oqsma sportivi

- Nippromwovi ftehim fil-qasam tal-avjazzjoni speċjalment bejn id-dipartimenti tal-avjazzjoni ċivili taż-żewġ pajjiżi.

- Nippromovi wkoll il-qasam tal-mużika.

  Dawn huma biss ftit mill-ideat tiegħi ta' kif nistgħu ntejbu r-relazzjonijiet bilaterali tagħna mas-Slovejna bil-għan aħħari li nrawmu l-iżvilupp ta' Malta.

3. Bħala Ambaxxatur, kif tara li x-xogħol tiegħek jista' jwassal sabiex jiżdiedu u jitjiebu r-rabtiet politiċi u soċjali ma' pajjiżna?

   L-irwol ta' Ambaxxatur mhux residenti huwa li jenfasizza fuq l-aktar aspetti importanti tal-ħajja u l-iżvilupp tal-pajjiż illi jirrappreżenta. Bħala Ambaxxatur, se nimmira sabiex nkompli niżviluppa r-relazzjonijiet diplomatiċi mat-tmexxija tal-pajjiż, ma' dawk interessati fil-kummerċ ma' Malta, u ma' dawk li jaraw lil Malta bħala opportunità.
   Mill esperjenza li ġa ksibt bħala Ambaxxatur u li jibni kuntatti fl-oqsma ta' l-Edukazzjoni il-kultura, u mill aspett soċjali għax dawn huma oqsma li faċli li jista' jsir żvilupp immeddjat bejn iż-żewġ pajjiżi.
   Mill aspett politiku nemmen li bħala żewġ pajjiżi żagħar fl-Unjoni Ewropeja irid ikun hemm konsultazzjonijiet politiċi spiss biex fil-fora Ewropeja inwasslu vuċi aktar b'saħħita flimkien ma' pajjiżi bl-istess interess komuni.

4. Liema taħseb li huma l-isfidi prinċipali li għandna negħlbu sabiex insaħħu r-relazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi?

   Ir-relazzjonijiet diplomatiċi bejn Malta u s-Slovenja twaqqfu fid-29 ta' Lulju 1992.
   Malta u s-Slovenja huma żewġ pajjiżi u t-tnejn huma Stati Membri tal-Unjoni Ewropea, u bħala Stati Membri, huma suġġetti għall-politika u regolamenti komuni tal-Unjoni Ewropea. Fost oħrajn hemm sfidi ambjentali u klimatiċi li jiffaċċjaw il-pajjiżi kollha tal-UE u li dawn jistgħu jiġu indirizzati b'mod aktar effettiv b'kollaborazzjoni internazzjonali bejn iż-żewġ pajjiżi.

   Iż-żewġ pajjiżi huma wkoll suġġetti għal sfidi komuni bħall-problema ta' migrazzjoni u integrar tal-immigranti, l-iżvilupp sostenibbli, u t-trasport u titjib tal-infrastruttura.
   Nemmen li bħala pajjiżi nistgħu nikkoperaw ħafna f'dawn il-materji u naqsmu l-esperjenzi taż-żewġ pajjiżi. Fuq livell ta' Unjoni Ewropea nkunu nistgħu nressqu vuċi aktar b'saħħitha jekk naqblu fuq dawn l-isfidi u nressqu pożizzjoni komuni.

Huwa wkoll importanti li nżommu kuntatt regolari mal-awtoritajiet rispettivi biex inkomplu nibnu rabtiet b'saħħithom fil-qasam tal-kultura kif ukoll mal-għaqdiet ċivili permezz ta' żjarat li jkunu qed jindirizzaw dawn l-oqsma partikolari.

5. X'taħseb li huma n-niċeċ li nistgħu nsibu sinerġiji fuqhom bejn Malta u l-pajjiż rispettiv li int se tkun se tirrappreżenta lil pajjiżna?

   It-Turiżmu żgur li jista' jkun niċċa l-aktar faċli bejn iż-żewġ pajjiżi li jinsabu viċin bħala distanza. Kif semmejt fit-tieni tweġiba li jkollna konnessjoni diretta bl-ajru huwa importanti ħafna. Hawn nistgħu nippromovu lil Malta bħala post uniku u importanti speċjalment għat-turiżmu reliġjuż.
   Nemmen ukoll li hemm opportunitajiet biex jiżdied id-djalogu politiku ħalli tissaħħaħ il-kooperazzjoni ekonomika u kummerċjali bejn iż-żewġ pajjiżi. Jista' jsir ukoll sforz ikbar biex jitkattar aktar investiment, fosthom fil-qasam tal-informatika. Qafas importanti li nemmen ħafna fih jirrigwarda l-possibbiltà li Malta tkun tista' toffri t-tagħlim tal-Ingliż lis-Sloveni ġewwa Malta, kif ukoll jinfetħu skejjel tal-Ingliż b'investiment Malti ġewwa is-Slovenja. Nemmen ukoll li il-preżenza ta' delegazzjonijet kummerċjali minn Malta jista' wkoll joffri spazji għal iktar koperazzjoni u titjib fir-relazzjonijiet bejn iż-żewġ pajjiżi.

6. Kif tara li għandna nsaħħu r-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi bejn iż-żewġ pajjiżi rispettivi?

   Dan hu aspett li nixtieqU li jkun prijorità wkoll fil-ħidma tiegħi. Is-Slovenja għandha setturi ekonomiċi bħal high-tech, information and communication technology (ICT), is-settur tal-enerġija, kimika, farmaċija u loġistika. Dawn is-setturi wkoll jinsabu f'Malta u għalhekk hemm lok ta' kooperazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi f'dawn l-oqsma. Importanti wkoll li industrijalisti Maltin ikollhom preżenza f'dan il-pajjiż għal dan il-għan naħdem biex isiru żjarat kummerċjali biex inżidu l-esportazzjoni ta' Malta f'dan il-pajjiż.
   Nistgħu wkoll insaħħu ir-relazzjonijiet kummerċjali bejn iż-żewġ pajjiżi fl-oqsma tas-servizzi finanzjarji u bankarji. Malta għandha kompetenza kbira f'dawn is-setturi.
   Fil- ħidma tiegħi ser inkun qed nagħmel kuntatti ma' dawn is-setturi u nħajjarhom jinvestu f'Malta biex hekk inżidu l-investiment dirett lejn pajjiżna.

7. F'dan ir-rigward, tara li hemm trattati li jistgħu jitħaddmu aħjar bejn iż-żewġ pajjiżi? Jew trattati oħra li għandhom jiġu esplorati għaż-żmien li ġej?

   Dawn huma t-trattati li ġew iffirmati matul is-snin. Ta' min jgħid li Malta waqqfet relazzjonijiet diplomatiċi mas-Slovenja fid-29 ta' Lulju 1992, wara li s-Slovenja saret indipendenti fil-25 ta' Ġunju 1991. Ser insemmihom bil-lingwa Ingliza biex inkun iktar korrett fin-nomenklatura tagħhom:

Agreement between Malta and the Republic of Slovenia regarding the establishment of Diplomatic Relations. 29/06/1992 (S,E).

Agreement between the Government of Malta and the Government of the Republic of Slovenia for air services between and beyond their respective territories. 20/03/1996 (S) 25/09/1996 (R) 02/07/1997 (E).

Agreement between the Government of Malta and the Government of the Republic of Slovenia on the Mutual Promotion and Protection of Investments. 15/03/2001 (S) 23/06/2001 (R) 06/11/2001 (E).

Agreement between the Government of Malta and the Government of the Republic of Slovenia on co-operation in the fight against organised crime. 16/07/2003 (S) 20/01/2004 (R, E).

Agreement of mutual cooperation between chamber of economy of Slovenia and the Malta chamber of commerce. 20/03/1996 (S, E).

Programme of cooperation in the fields of education, culture and science between the Government of Malta and the Government of the Republic of Slovenia for the years 2004-2006. 07/06/2004 (S, E).

Convention between Malta and the Republic of Slovenia for avoidance of double Taxation and Prevention. 08/10/2002 (S) 12/11/2002 (R) 12/06/2003 (E).

Inħares lejn aktar opportunitajiet ta' kollaborazzjoni, speċjalment fil-qasam tal-kultura, dak sportiv dak tat-turiżmu speċjalment billi nippromwovu lil Malta speċjalment fejn jidħol it-turiżmu reliġjuż.

Malta u ss-Slovenja t-tnejn li huma jiffurmaw parti mill-EUNIC (Istituti Nazzjonali tal-Kultura tal-Istati Membri tal-EU). L-EUNIC huwa network Ewropew ta' organizzazzjonijiet involuti f'relazzjonijiet kulturali fejn tiġi promossa b'mod prominenti l-kultura fir-relazzjonijiet internazzjonali. Iż-żewġ pajjiżi għandna kultura u storja millenarja u allura żgur dejjem hemm lok ta' iktar kollaborazzjoni. Jiena, jekk niġi konfermat ser inkun qiegħed naħdem biex ir-relazzjonijiet f'dan il-qasam partikulari, jissaħħu.

8. Taħseb li hemm lok għal iżjed koperazzjoni fil-qasam tat-turiżmu bejn iż-żewġ pajjiżi rispettivi?

Dan hu settur li rridu nisfruttaw ħafna. Il-Popolazzjoni tas-Slovenja hi ftit 'ilfuq minn żewġ miljuni mhux popolazzjoni kbira imma dejjem nistgħu inħajru turisti mis-Slovenja jżuru pajjiżna. Sfortunatament bħalissa ma' hemmx titjiriet diretti lejn pajjiżna. L-ajruporti viċini li għandhom konnessjoni diretta lejn Malta huma Trieste u Treviso fl-Italja kif ukoll Zagreb fil-Kroazja. Huwa diffiċli ferm li il-linji nazzjonali taż-żewġ pajjiżi jkollhom titjiriet diretti, però naħseb li operaturi privati bħal dawk li huma low cost għandhom jiġu mħajra jibdew titjiriet diretti. Ser inkun qed nibda nipprova nsib operatur li jkun jista' jibda jopera titjiriet bejn iż-żewġ pajjiżi bil-għajnuna tal-MTA.

9. Fuq livell ta' politika Ewropea u Internazzjonali, tara bejn iż-żewġ pajjiżi rispettivi li jistgħu isaħħu l-koperazzjoni bejniethom b'mod partikolari fuq livell ta' Unjoni Ewropea?

   Malta u l-Slovenja jaqsmu relazzjonijiet bilaterali b'saħħithom u dejjiema bbażata fuq ir-rispett għall-valuri komuni Ewropej u l-kollaborazzjoni f'diversi oqsma. Iż-żewġ pajjiżi saru membri tal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004 u jinsabu fil-periferija tal-Ewropa, b'Malta fin-Nofsinhar u is-Slovenja b'kosta żgħira mal-baħar Adrijatiku bi fruntieri mal-Italja, il-Kroazja, l-Awstrija u l-Ungerija.
   Malta u s-Slovenja jaqsmu perspettivi simili u jaħdmu flimkien mill-qrib fuq bosta kwistjonijiet, partikolarment fi ħdan l-Unjoni Ewropea u n-Nazzjonijiet Uniti. Iż-żewġ pajjiżi huma magħquda b'impenn qawwi għall-integrazzjoni Ewropea, muri minn appoġġ sinifikanti għas-sħubija fl-UE fis-soċjetajiet tagħhom u sforzi konġunti biex itejbu s-suq intern tal-UE.
   Minbarra l-kollaborazzjoni fil-livell Ewropew u tan-Nazzjonijiet Magħquda. Barra minn hekk, Malta u s-Slovenja jikkoperaw fi kwistjonijiet relatati mal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSCE).

10. Tista' tispjega lill-Kumitat dwar jekk kontx involut matul il-karriera tiegħek fi ħdan il-Korp Diplomatiku u/jew il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin?

    Jiena għandi Masters fid-Diplomazija u r-Relazzjonijiet Internazzjonali mill-Università ta' Lancaster (2013-2015). Minkejja dan, kemm qabel ma bdejt l-istudji universitarji tiegħi kif ukoll wara, dejjem bqajt insegwi mill-qrib ix-xena internazzjonali speċjalment dak li jiġri madwarna, bħall-politika Mediterranja, dak li jiġri fil-kontinent Ewropew, u dak li jiġri fix-xena internazzjonali. Dawn jgħinuni nagħmel analiżi tas-sitwazzjoni. Barra minn hekk insegwi ġurnali b'rabta mad-diplomazija u relazzjonijiet internazzjonali biex nibqa' aġġornat b'dak li jkun għaddej.

    F'April tal-2020, inħtart Ambaxxatur mhux residenti għall-Iżlanda, kariga li għadni nżomm sakemm qed iwieġeb dawn il-mistoqsijiet. B'hekk wara din l-ewwel esperjenza ta' ħames snin, issa rrid nuża l-istess kapaċitajiet u esperjenzi li għaddejt minnhom biex inkun nista' nibda din il-missjoni ġdida.

11. Tista' tindika x'karigi għandek fil-preżent u jekk kemm-il darba tinħatar bħala Ambaxxatur, hux se tkun qed iżżomm xi kariga minnhom?

    L-impjieg preżenti tiegħi huwa ta' Kap ta' Dipartiment li jiġbor fih l-"Aeronautical Information Management" mal-Malta Air Traffic Services Ltd, u dan mhux ser ikollu l-ebda konflitt ta' interess fix-xogħol diplomatiku li ser inkun qed inwettaq.

12. Tista’ tindika jekk għandekx xi attivitajiet kummerċjali? Jekk iva, tista’ tindika jekk dawn l-attivitajiet kummerċjali jikkostitwixxux xi kunflitt ta’ interess ma’ din il-kariga prospettiva?

    Jiena ma għandi l-ebda attività kummerċjali u ma għandi l-ebda attività oħra ta’ kwalsiasi xorta oħra li tikkostitwixxi xi kunflitt ta’ interess ma’ din il-kariga.

13. Tista’ tinforma lill-kumitat jekk diġà kellekx jew għandekx xi rabtiet jew investimenti kummerċjali mal-pajjiż rispettiv?

    Fis-Sajf tal-2024, żort is-Slovenja għall-ewwel darba għal vaganza. Niddikjara li jiena ma għandi l-ebda rabtiet jew investimenti kummerċjali fis-Slovenja.

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Oppożizzjoni*

1. Kif tiddeskrivi r-rwol ta’ Ambaxxatur ta’ Malta mhux residenti għas-Slovenja?

   L-irwol ta’ Ambaxxatur huwa li jżomm u jsaħħaħ ir-relazzjonijiet diplomatiċi tal-pajjiż li jkun qed jirrappreżenta mal-pajjiż li jkun akkreditat għalih. L-Ambaxxatur ikun responsabbli sabiex dejjem iżomm l-interess ta’ pajjiżu (Malta) u jippromwovi dak kollu li hu Malti f’kull okkażjoni possibbli. Fl-istess ħin, l-ambaxxatur jara li jibni relazzjonijiet mal-Gvern u l-entitajiet fejn ikun akkreditat biex isaħħaħ aktar l-għarfien ta’ pajjiżu f’dak il-pajjiż.
   Huwa ferm essenzjali li l-Ambaxxatur jattendi għal funzjonijiet uffiċjali, avvenimenti u laqgħat uffiċjali tal-pajjiż fejn ikun akkreditat. Huwa ferm importanti li l-Ambaxxatur regolarment jibgħat rapporti lill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin bil-ħidma li jkun qed iwettaq kif ukoll dwar il-kundizzjonijiet politiċi, ekonomiċi u soċjali fil-pajjiż li għalih tkun akkreditat.

2. Tista’ tindika, fl-opinjoni tiegħek, liema huma l-isfidi prinċipali fir-relazzjonijiet bejn Malta u s- Slovenja?

   Ara risposta għall-mistoqsija numru 1 tal-Membri tal-Gvern.

3. Tista’ tispjega x’inhuma l-pożizzjonijiet u interessi komuni li aħna nħaddnu mas-Slovenja?

Malta u s-Slovenja huma żewġ pajjiżi li jgħixu fi żvilupp ekonomiku, kulturali u soċjali b'interess komuni, anke għas-sempliċi fatt li huma t-tnejn msieħba fl-UE u allura din l-isħubija tiffaċilita iktar kollaborazzjoni f'dawn l-oqsma. L-interessi komuni ewlenin huma:

**Żvilupp Ekonomiku:**

Malta u s-Slovenja huma żewġ pajjiżi b'interess komuni li jiżviluppaw l-ekonomiji tagħhom permezz tal-kummerċ u l-investiment speċjalment f'setturi bħat-teknoloġija, l-enerġija u l-infrastruttura. Iż-żewġ pajjiżi jappoġġjaw inizjattivi biex jiġu żviluppati opportunitajiet ta' negozju u investimenti ġodda. Dan jista' jitkattar permezz ta' missjonijiet (trade missions) bejn iż-żewġ pajjiżi.

**Kultura u Turiżmu:**

L-Unjoni Ewropea qed tħeġġeġ lill-pajjiżi membri tagħha biex jippromwovu l-ġid turistiku u kulturali tagħhom. Malta u s-Slovenja huma żewġ pajjiżi li tista' tgħid it-tnejn li huma mimlija storja, arti u kultura rikka ħafna u allura dan hu żgur ta' interess komuni li wieħed għandu jisfrutta billi anke jiġu organizzati pereżempju kampanji promozzjonali konġunti. Importanti li għas-suċċess ta' dawn l-inizjattivi, jibdew titjiriet diretti tal-ajru bejn iż-żewġ pajjiżi.

**L-Appoġġ għall-Unjoni Ewropea:**

Malta u s-Slovenja, bħala pajjiżi membri tal-UE jappoġġjaw il-ħidma u l-politika tagħha f'numru ta' oqsma importanti, bħal kif jiġu affrontati kwistjonijiet ta' migrazzjoni, tibdil fil-klima, l-ekonomija u l-kummerċ.

**It-tibdil fil-klima:**

Malta u s-Slovenja jaqblu li tibdil fil-klima hi kriżi globali u li għandha tingħata risposta biex titjieb il-kwalità tal-ħajja tal-bniedem u jitjieb l-ambjent. Huma jaqblu li din tista' tiġi indirizzata biss permezz ta' kollaborazzjoni globali u bi sforz kollettiv.
Permezz ta' dawn l-interessi komuni, Malta u s-Slovenja jistgħu jikkollaboraw biex ikomplu jiżviluppaw u jsaħħu r-relazzjonijiet tagħhom.

4. X'preparazzjoni u formazzjoni għandek fi ħdan korp diplomatiku? Qatt ġejt assenjat ġewwa ambaxxata jew irċevejt xi forma ta' taħriġ fid-diplomazija?

Dawn li ġej hu fil-qosor il-karriera tiegħi:

Wara li spiċċajt l-iskola sekondarja bdejt nattendi l-Istitut Tekniku fejn ksibt Higher Technician Diploma HTD (Electrical & Electronics).

Aktar tard waqt li bdejt naħdem bdejt nattendi kors li wassalni għal Diploma fil-Management mill-Università ta' Malta.

Komplejt nistudja l-Università ta' Malta u attendejt b'suċċess kors ta' Baċellerat tal-Arti u wara Masters fil-Filosofija u Teoloġija.

Ksibt ukoll il-warrant ta' għalliem mill-Council for the Teaching Profession.

Però x-xewqa tiegħi dejjem kienet il-politika internazzjonali speċjalment dak li jkun qed jiġri madwarna fil-Mediterran. Għalhekk fl-2013 bdejt u spiċċajt b'suċċess kors ta' Masters fid-Diplomazija u r-Relazzjonijiet Internazzjonali mal-Università ta' Lancaster biex inkun nista' nifhem u nanalizza aħjar is-sitwazzjoni internazzjonali.

Fl-2020, inħtart Ambaxxatur mhux resident għall Iżlanda kariga li tatni sodisfazzjon kbir għax stajt inpoġġi fil-prattika dak li kont studjajt.

5. Tista' tinforma lill-kumitat jekk diġà kellekx żjarat fis-Slovenja u jekk għandekx xi rabtiet jew investimenti kummerċjali fis-Slovenja?

   L-uniku żjara li għamilt kienet vaganza mal-familja fi tmiem is-Sajf ta' 2024. Niddikkjara li ma' għandi l-ebda investimenti kummerċjali fis-Slovenja.

6. Qatt kont involut f'negozjati, trattati jew f'dikjarazzjonijiet fl-interess ta' pajjiżna ma' pajjiżi oħra?

   Kien fil-bidu ta' 2020, li kont ġejt innominat biex inservi ta' Ambaxxatur mhux residenti għall Iżlanda. Din kienet l-ewwel esperjenza tiegħi li tagħtni sodisfazzjon kbir għaliex kien il-mument li bdejt inpoġġi fil-prattika dak li kont studjat b'passjoni kbira.

   Matul dawn l-aħħar ħames snin irnexxieli nikkonkludi jew jinsabu fi proċess ta' diskussjonijiet dan li ġej:-

   - MoU on Political Consultations bejn iż-żewġ Ministeri tal-Affarijiet Barranin.
   - Draft MoU fl-oqsma tal-Edukazzjoni u l-Sports bejn iż-żewġ Ministeri rispettivi.
   - Iffirmajt MoU bejn l-Università ta' Malta u L-Università tal-Iżlanda.

- Iffirmajt MoU ieħor bejn il-Mediterranean Academy of Diplomatic Studies (MEDAC) u Centre for Small States Studies li jinsab fl-Università ta' l-Iżlanda.

- Twaqqif tal-Konsolat Onorarju f'Reykjavik, (il-proċess jinsab fil-fażi finali)

- Kuntatti u tħejjija ta' Żjara uffiċjali mill-Speaker tal-Parlament Malti u rappreżentanti Parlamentari minn kull naħa tal-Kamra lill-Speaker tal-Parlament Iżlandiż fl-okkażjoni tal-25 sena mit-twaqqif tar-relazzjonijiet Diplomatiċi bejn iż-żewġ pajjiżi.

- Kuntatti u tħejjija ta' żjari uffiċjali tas-Segretarju Parlamentari għas-Sajd, Akkwakultura u Drittijiet tal-Annimali. Matul din iż-żjara mexxejt ukoll laqgħat tekniċi bejn iż-żewġ Segretarji Permanenti rispettivi.

- Kont ukoll involut għan nom ta' Malta fit-tħejjija għas-Summit tal-Council of Europe CoE li sar f' Mejju tal-2023 u li għalih attendew il-mexxejja jew kapi ta' Stati tal-pajjiżi membri tal-istess Kunsill.

- Kuntatti u tħejjija ta' żjara minn uffiċjali ta' Heritage Malta Reykjavik biex jiżdiedu attivitajiet kulturali bejn iż-żewġ pajjiżi.

- Kuntatti bejn il-Forzi Armati ta' Malta u il-Coast Guards Iżlandiżi.

- Kuntatti bejn id-dipartimenti tal-Protezzjoni Ċivili taż-żewġ pajjiżi.

- Stabilixxejt ukoll kuntatti bejn il-Biblijoteka Nazzjonali ta' Malta u l-librerija prinċipali tal-Università tal-Iżlanda.

- Kuntatt ta' kollaborazzjoni flimkien bejn l-Orkestra Nazzjonali Maltija u l-Orkestra Sinfonika Iżlandiża. Fil-fatt għadni kemm mexxejt delegazzjoni f'Reykjavik bejn iż-żewġ Orkestri li ser ikomplu jikkolaboraw flimkien fil-futur.

- Ġibt ukoll flimkien lill-Maltin li jaħdmu u jgħixu fl-Iżlanda f'kull okkażjoni possibbli.

7. Tista' tindika jekk kontx impjegat mal-Istat Malti u, jekk iva, f'liema dipartiment/awtorità/entità?

Kont impjegat tal-Gvern Malti għal ftit xhur mad-Dipartiment tal-Avjazzjoni Ċivili fi ħdan l-Uffiċċju Meterjoloġiku. Meta mbagħad saret il-qasma biex ikun hemm regolatur u operatur minħabba s-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea l-Uffiċċju Meterjoloġiku sar jifforma parti mill-Malta International Airport sakemm fl-2009 sirt impjegat tal-Malta Air Traffic Services, MATS fejn għadni preżentament.

8. Tista' tindika jekk qatt kontx parti minn Segretarjat ta' Ministru jew Segretarju Parlamentari jew jekk ħdimtx fil-qrib tagħhom f'dawn l-aħħar snin?

Nikkonferma li qatt ma kont nifforma parti minn Segretarjat ta' Ministru jew Segretarju Parlamentari, kif ukoll qatt ma ħdimt fil-qrib tagħhom.

9. Tista' tindika x'karigi tokkupa fil-preżent u liema minnhom beħsiebek iżomm f'każ li tiġi maħtur bħala Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għas-Slovenja?

Kif ġa indikajt f'waħda mill-mistoqsijiet aktar 'il fuq l-impjieg preżenti tiegħi huwa ta' Kap ta' Dipartiment li jiġbor fih l- "Aeronautical Information Management" mal-Malta Air Traffic Services Ltd, u dan mhux ser ikollu l-ebda kunflitt ta' interess fix-xogħol diplomatiku li ser inkun qed inwettaq. Dan huwa l-uniku impjieg tiegħi u li ilni nagħmlu għal aktar minn ħamsa u għoxrin sena. Naturalment jekk niġi approvat fil-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti jiena ser nibqa' nżomm dan l-impjieg kif ilni nagħmel għall dawn l-aħħar ħames snin li ilni fil-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għall-Iżlanda.

10. Tista' tindika jekk fil-preżent għandekx attivitajiet kummerċjali? Tista' tindika jekk dawn humiex ser ikunu f'xi kunflitt f'każ li tiġi maħtur Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għas-Slovenja?

Kif ġa weġibt aktar 'ilquddiem jiena ma' għandi l-ebda attività kummerċjali jew xi investiment mhux biss ma' dan il-pajjiż imma ma' ebda pajjiż ieħor u allura mhux ser ikolli kunflitt f'każ li n-nomina tiegħi ta' Ambaxxatur ta' Malta għas-Slovenja tiġi approvata.

11. Tista' tiddikjara jekk għandekx xi kunflitt ta' interess f'din il-ħatra tiegħek?

Niddikkjara li m'għandi l-ebda kunflitt ta' interess f'din il-ħatra.

12. Tista' tiddikjara jekk għandekx passaport jew ċittadinanza ta' pajjiż ieħor?

Le. L-uniku passaport li għandi hu ta' Malta.